**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, ĦAL LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 44 – It-Tlieta 08 ta' Marzu 2016 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Vici Sindku |
| | Dr. Marc Sant | MinorityLeader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet b'introduzzjoni mis-Segretarju fuq il-bidders li tefghu l-offerta tagħhom għaż-żewġ tenders li ħareġ il-Kunsill cioe ta'
LLC T01 2016 - *Street lighting Repairs and installations*
*LLC T02 2016 – Upkeep and Maintenance of Parks, Gardens, soft areas in an environmentally Friendly manner.*

Il-bidders kienu
LLC T01 2016 – J.F. MALLIA LTD –Various Unit prices

LLC T02 2016 – Chris Bezzina - €8500 per annum
WM Environmental Ltd. – €7680.00
ELC – Option 1 – €12,500, Option 2 – €14,600

1.2 Għal l-ewwel tender peress li ma kienx hemm bidders oħra ma kienx hemm problemi. Il-bidder għal din it-tender huwa l-istess kuntrattur li ilu jaħdem mal-Kunsill għal ħafna snin u l-Kunsill kien sodisfatt ħafna bih. Peress li l-Kunsill kien ġie magħraf mir-Reġjun Ċentru li fil-laqgħa ta'10 ta' Marzu 2016 kien ser jiġi diskuss it-Tender għal Street Lighting bħala Reġjun, il-Kunsill iddeċieda li jistenna biex jara ser tkun l-outcome tal-laqgħa tar-Reġjun qabel ma jiddeċiedi.

1.3 Għat-tieni tender, il-Kunsilliera raw u iddiskutew it-tender documents. Peress li kien hemm bżonn xi klarifikazzjonijiet fuq dawn it-tender documents, il-Kunsill iddċieda li jikkonsulta mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jistaqsi jekk ikunx jista' jagħmel laqgħa mal-bidders ta' din it-tender biex jikklarifika ċerti affarijiet. Għaldaqstant il-Kunsill ma iddeċida xejn l-anqas fuq din it-tender partikolari.

1.4 Deċiżjoni fuq dawn iż-żewġ tenders ser tittieħed fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 2016.

## 2. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fit-17.55 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi
Sindku

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv